


# Il-Mosta f'sentejn ta' ħakma Franċiża (1798-1800)[1]

George Cassar

Kien fid-9 ta' Ġunju 1798 li l-flotta Franċiża, taħt il-kmand tal-Ġeneral Napuljun Bonaparte, fi triqtha lejn l-Eġittu waqfet Malta u talbet li tingħata l-ilma lill-Granmastru Von Hompesch. Il-Granmastru ma tantx kellu minfejn joħroġ għax għalkemm xtaq jgħid le kien hemm wisq membri tal-Ordni mdaħħlin f'komplott mal-Franċiżi. Magħhom kien hemm ukoll nurmu ta' Maltin influwenti.[2]

Ġara li dawk il-ftit li baqgħu leali lejn id-difiża ta' Malta bħalma kienu l-Mostin[3] ma setgħux jagħmlu wisq u wara ftit ġranet Malta kollha kienet taħt idejn il-Franċiżi, li ħaduha bla tbatija ta' xejn. Wara sitt ijiem li fihom daħħal ħafna liġijiet ġodda Bonaparte telaq bl-armata tiegħu għall-Eġittu, u ħalla minfloku l-Ġeneral Vaubois. Il-gżejjer Maltin ġew maqsumin fi tnax-il Muniċipju, fit-13 ta' Ġunju 1798, fejn in-Naxxar, Ħal Għargħur u l-Mosta, ġew magħqudin f'muniċipju wieħed.[4]

Kull muniċipju jew *canton* kellu jitmexxa minn ħames membri u mħallef tal-paċi. Il-miniċipju li fih kien hemm il-Mosta madankollu kellu sitt uffiċjali u mhux ħamsa. Dawn kienu n-Nutar Indri Micallef min-Naxxar, li kien il-President; l-Avukat Ġamri Borg mill-Mosta, li kien is-Segretarju; u t-Tabib Franġisk Falzon u l-benestant Tumas Chetcuti, it-tnejn mill-Mosta, il-benestant Wiġi Bezzina min-Naxxar u l-benestant Ġanni Gafà minn Ħal Għargħur, li kienu lkoll membri.[5]

Il-gvern ġdid Franċiż kien waqqaf Kummissjoni tal-Gvern li ltaqgħet fit-22 ta' Ġunju 1798 biex poġġiet fil-kariga l-membri tal-muniċipalitajiet ta' madwar il-port.[6] Ftit wara kien imiss l-membri ta' kull waħda mit-tmien muniċipalitajiet l-oħra ta' Malta[7] li ġew assenjati posthom fit-3 ta' Lulju 1798, b'dawk ta' Għawdex[8] jitpoġġew fil-kariga tagħhom jumejn wara.[9] Dawn kellhom magħhom Imħallef tal-Paċi u fil-25 ta' Lulju ġew mogħtija lilhom xi ordnijiet x'kellhom jagħmlu biex iżommu l-kwiet fid-distrett tagħhom, u li jfittxu jarrestaw il-vagabondi u l-briganti u jmorru għalihom saħansitra fl-għerien fejn ipoġġu, biċċa xogħol li l-uffiċjali ta' dan id-distrett li miegħu kienet tagħmel il-Mosta malajr taw bidu għaliha.[10]

Għall-ewwel tliet xhur il-gvern Franċiż ħareġ ħafna liġijiet biex jipprova jibdel il-ħajja f'Malta u l-poplu jibda jgħix fuq il-mudell ta' Franza Revoluzzjonarja. Ħafna mill-liġijiet kienu interessanti u innovattivi. Madankollu għaddew liġijiet oħra li messew is-sentimenti reliġjużi tal-Maltin meta lleġislaw biex jindaħlu fil-ħajja tal-Knisja Kattolika f'Malta.[11] Liġijiet oħra kienu se jafftettwaw ħażin ħafna lill-Maltin li bdew jaraw futur x'aktarx imdallam għalihom u għal uliedhom. Il-qagħda kienet qed issir dejjem aktar imwiegħra ma' kull jum li kien għaddej.[12]

## Ir-rewwixta tal-Maltin

Dan it-tgergir u l-uġigħ kompla żdied bis-serq li l-Franċiżi għamlu mill-knejjes li l-Maltin kienu sebbħu bit-tbatija u s-sagrifuċċji tagħhom. Kleru, nobbli u nies komuni, kulħadd ingidem b'xi waħda jew oħra minn dawn il-liġijiet ġodda u bid-drawwiet ġodda li fi żmien hekk qasir ta' xahrejn riedu jdaħħlu l-Franċiżi. Għalhekk il-qiegħa bdiet tisħon sewwa, u ma kenitx tistenna ħlief daqsxejn ta' xrara biex taqbad u tinfirex. Din ġrat nhar il-Ħadd, 2 ta' Settembru 1798, meta grupp ta' Franċiżi mibgħutin mis-superjuri tagħhom marru għall-Knisja tal-Karmnu tal-Imdina biex jirkantaw it-tapezzerija ma' ħwejjeġ oħra rikki li kien hemm fil-knisja. In-nies dlonk telqu jiġru għal dik il-knisja u għamlu għal dak li kien qiegħed imiss it-tapezzerija. Bdew jindaqqu l-qniepen u bdew ġejjin Maltin minn kullimkien. Dawn ingħaqdu u qamu kontra l-Franċiżi.

In-Nutar Manwel Vitale ġie magħżul kmandant tal-Maltin, u bagħat messaġġieri mal-kampanja kollha



biex iħeġġu lin-nies jingħaqdu mar-rewwixta. Lawrenz Bugeja (li jumejn wara kien magħżul segretarju tal-Assemblea) bagħat ukoll lil ċertu Ġanni Catania mill-Mosta, li dak il-ħin kien qiegħed għandu, u qallu biex jgħid lin-Nutar Zarb minn Ħ'Attard biex iqassam l-armi li kien hemm fil-Palazz ta' Sant' Anton u jimblokka t-triq li mill-Belt tagħti għall-Imdina .

Il-Mosta, hekk qrib l-Imdina, kienet minn tal-ewwel li wieġbet is-sejħa għall-għajnuna, tant li fit-taqtigħa li saret fl-Imdina dakinhar u l-għada biex jegħlbu l-Franċiżi ta' hemm, fost il-ġellieda Maltin niltaqgħu ma' nies mill-Mosta.

Lanqas Ħ'Attard mhu bogħod mill-Mosta, u kien minn hemm li kellhom tgħaddi l-għajuna Franċiża li nbgħatet mill-Belt lejn l-Imdina. Hemmhekk saret taqtigħa oħra, li fiha l-Mostin kellhom l-ikbar sehem. Hekk kiteb l-imsemmi Lawrenz Bugeja:

"In-Nutar Zarb ta' Ħ'Attard, sejjaħ biex jiltaqgħu xi ftit mill-irħula tal-qrib, l-iktar fil-Mosta u waqqaf malajr battaljun ta' 500 bniedem, u f'dik il-lejla qassamhom fuq il-bjut għamla ta' trunċiera u wkoll wara l-ħitan. Lil dawk li ma kellhomx armi, tahom il-ġebel sabiex x'ħin l-imsemmija għajnuna tkun għaddejja minn Ħ'Attard għall-Imdina, il-Maltin kienu jistgħu jagħmlu ġlieda mal-Franċiżi."[13]

Ċensu Borġ (Braret), kmandant minn Birkirakara poġġa nies għassa mat-triq tal-Imrieħel. Kif l-għedewwa waslu ħdejn l-arkati tal-akwedott ta' Wignacourt – viċin fejn illum hemm il-Birrerija ta' Farsons – il-Maltin attakkawhom. Kienu truppi minn Birkirkara, il-Mosta u Ħal Qormi. Il-Maltin kellhom biss għorin xkubetta magħqbuda mingħand it-truppi Franċiżi li kienu stazzjonati fil-Bajja ta' San Ġorġ. Il-Maltin l-oħra kellhom jużaw dak li sabu u għalhekk issottaw lill-għadu b'xita ta' ġebel u oġġetti oħra iebsa. Dan l-assalt ħarbat lill-Franċiżi li bejn li raw li ma kellhomx fejn jistkennu u bejn li wħud minn sħabhom kienu inqatlu jew feruti, irtiraw lejn il-kenn tal-bliet magħluqa tal-Furjana u l-Belt Valletta. Il-Maltin f'din il-ġlieda tilfu żewġt irġiel.[14]

Il-Franċiżi ngħalqu wara s-swar tal-ibliet iffortifikati tal-port, u fl-4 ta' Settembru saret l-ewwel Assemblea Nazzjonali tal-Maltin, li kienet forma ta' gvern magħmul biex jiġi mifthiem kif għandha tirnexxi l-gwerra li issa huma kienu bdew kontra l-għedewwa u biex imexxu lill-Maltin tal-kampanja. Bagħtu jitolbu għajnuna lir-Re taż-Żewġ Sqallijiet, u talbu wkoll lil flotta Ingliża biex tiġi u timblokka l-port. Sadanittant, madwar is-swar tal-ibliet u ftit 'il bogħod minnhom twaqqfu trunċieri biex ma jħallux lill-Franċiżi joħorġu 'l barra mis-swar, u hekk iżommuhom magħluqin hemm ġew. Il-Mostin messhom ikunu mal-Karkariżi fil-kamp tal-"Għargħar" li kellu jieħu ħsieb minn San Ġiljan sa fuq l-Imsida fejn l-għolja ta' Ta' Xbiex. Dawn it-truppi Maltin hawn kellhom iżommu mblokkati lill-Franċiżi minn din in-naħa tal-Belt u kellhom jilqgħu l-attakki mill-Forti Tignè u mill-Forti Manwel li kienu f'idejn l-għadu.

Iż-żona fejn waqqfu t-trunċiera s-suldati fuq din in-naħa tal-majjistral ta' Marsamxett kienet tinsab fuq dik l-għolja li minn Birkirkara tieħu għal San Ġiljan u tas-Sliema. Il-batterja ewlenija ħadet l-isem tal-post, "l-Għargħar", inħawi li jħarsu fuq il-Forti Manwel. Fil-fatt minn fuq din l-għolja ġġib il-Port ta' Marsamxett kollu taħtek, u għalhekk kont tista' tara t-trunċieri l-oħra ta' madwar is-swar.[15]

F'dan il-kamp kien ikun hemm aktar minn 500 ruħ dejjem lesti għal kull ma kien jista' jiġri. Il-truppi Maltin kienu taħt il-kmand ta' Ċensu Borg (Braret) bħala kmandant tal-kamp, Petruzzu Camenzuli li kien il-kap tal-battaljun, Ġużeppi Scicluna kien il-viċi-kap tal-battaljun, filwaqt li Ġużeppi Pace kien l-ajjutant flimkien ma' xi oħrajn.[16]

F'din l-impostazzjoni militari l-Mostin kellhom l-istess dmirijiet tal-Karkariżi. Il-Mostin, flimkien mal-Karkariżi u n-Naxxarin kienu ġew pożizzjonati b'tali mod li jikkontrollaw il-movimenti tal-Franċiżi li kienu qegħdin fil-Forti Manwel. Kien fit-12 ta' Settembru 1798 li kumpanija ta' suldati Franċiżi stazzjonati f'din il-forti ddeċidew li jattakkaw stakkament ta' suldati mill-irħula ta' Birkirkara, in-Naxxar u l-Mosta li kienu stazzjonati ħdejn kanun fuq l-għolja tal-Mensija. Il-Maltin kienu qed jippreparaw biex jisparaw fuq il-Forti Manwel. Il-Franċiżi ħasbu li kif jattakkaw lil din 'il-marmalja' (hekk kienu jqisu lir-ribelli Maltin il-ħakkiema Franċiżi), dawn jaħarbu bil-biża'. Imma marru żmerċ għax il-Maltin fetħu n-nar fuq l-għadu bl-ixkubetti u b'xi tiri tal-kanun u mhux wisq wara ġew jgħinuhom Maltin mill-kamp ta' San Ġużepp. Hekk il-Maltin setgħu joħolqu kontrattakk li ħarbat lill-Franċiżi li ġiegħelhom jaħarbu lura għall-irdoss tal-ħitan fortifikati tal-Forti Manwel.[17]

Sadattant, barra li kienet għaddejja l-kampanja militari, f'kull raħal kien ġie ffurmat kumitat jew gvern proviżorju. Fil-Mosta dan il-kumitat ta' tmexxija tar-raħal kien magħmul mill-Kappillan tal-Mosta Dun



Feliċ Calleja, Franġisk Dimech u l-qassisin Dun Marin Galea u Dun Ġużepp Tonna. Xogħol dawn l-erba' min-nies kien li jaraw li l-battaljun tar-raħal jinżamm bl-aħjar mod u jieħdu ħsieb ix-xiri tal-ikel għall-abitanti u tas-suldati Mostin. Matul is-sentejn tal-imblokk, il-battaljun tal-Mosta impjega 633 ruħ u kienu diversi nies taw somom ta' flus biex il-battaljun ikun jista' jaħdem kif suppost.[18]

Il-kapijiet tal-Maltin, bħall-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, in-Nutar Manwel Vitale u Ċensu Borg, qawwew qalbhom fit-taqbida li kienu qed imexxu kontra il-Franċiżi repubblikani meta waslet l-għajnuna mill-Ingilterra, u malajr għamlu lill-Kaptan Alexander John Ball bħala president tal-Assemblea Nazzjonali, li bidlilha isimha u issa saret magħrufa bħala Kungress Nazzjonali. Ball ħass ukoll li kull rappreżentant partikulari kellu jkun elett mill-kapijiet tal-familji tar-raħal li kien qed jirrappreżenta biex hekk tissaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu fil-Kungress.[19]

L-elezzjonijiet saru fi Frar 1799. Fit-18 tax-xahar imbagħad saret l-ewwel laqgħa tal-Kungress bir-rappreżentanti kollha tal-irħula. Il-Mosta kienet eleġġiet lill-Kappillan tagħha Dun Feliċ Calleja biex jirrappreżentaha. Il-laqgħat kienu jsiru fil-Palazz ta' San Anton.[20]

Għalhekk issa dan il-Kungress sar laqgħa ta' rappreżentanti u ta' deputati tal-ibliet u tal-irħula li kienu magħżulin mill-kapijiet tal-familji. Dun Feliċ Calleja mar għall-ewwel laqgħa tat-18 ta' Frar. Imbagħad fil-laqgħa li saret fl-4 ta' Marzu, il-Kappillan Calleja kien wieħed mit-tliet deputati li l-Kungress għażel biex idaħħlu u jarblu l-memorjali jew suppliki u jagħtu l-parir tagħhom fuq id-digrieti.[21] Iż-żewġ membri l-oħra kienu Dun Bartilmew Caraffa, kappillan tal-Imqabba, u Dun Lawrenz Saliba.[22]

Sadanittant il-ġuħ fil-Mosta kien xi ħaġa reali ħafna. U ma kienx biss fil-Mosta, għax il-Maltin kollha ħassew in-nuqqas tal-ikel għall-fatt li mal-bidu tal-irvell ma kienx hemm ikel maħżun biex jintuża fix-xhur diffiċli tal-gwerra. Barra dan ma kienx hemm munita barranija biex jinxtara ikel malajr minn Sqallija biex tissolva l-problema. Is-soluzzjoni li ħasbu fiha l-gvernijiet tal-irħula kienet li jipotekaw il-beni immobbli li kellhom, jiġifieri djar u għelieqi. Kien fit-30 ta' Marzu 1799 li ttieħdet deċiżjoni li jiġu ipotekati l-beni tal-Mosta biex jinxtraw minn Sqallija 1,500 salma ta' qamħ, 500 salma ta' maħlut u ikel ieħor għall-bżonnijiet tal-poplu u l-battaljun tal-Mosta. Ingħataw erbat ijiem ċans biex isiru l-oġġezzjonjiet, u wara saret l-ipoteka b'att tan-Nutar A.P. Spiteri taħt id-data tat-3.iv.1799.[23]

Fil-laqgħa tal-Kungress tal-15 ta' April sar tqassim mill-ġdid tas-suldati. Naraw li t-trunċiera tal-Għargħar kienet akbar mit-trunċieri l-oħra, u kellha gwarniġjon ta' aktar minn 500 suldat magħżula kuljum għas-servizz militari. Minn dawn, madwar wieħed minn sitta kellha tibgħathom kuljum il-Mosta u l-bqija jintbagħtu mir-raħal aktar viċin ta' Birkirkara.[24] Li kien qed jiġri hu li l-irġiel assenjati għall-posti militari tagħhom kienu jistennew sakemm jingħataw ir-razzjoni ta' kuljum tal-ħobż u mbagħad jitilqu bla permess biex jaħdmu fl-għelieqi tagħhom. Din il-prattika kienet qed tħalli l-pożizzjonijiet fortifikati avvanzati bla gwarniġjon. Għalhekk ġie deċiż mill-Kungress li mill-15 ta' April 1799 'l quddiem kull kamp militari kellu jkun fornit bi gwarniġjon il-ħin kollu u għalhekk kull raħal kellu jibgħat numru stabilit ta' suldati. Fil-kamp tal-Għagħar taħt il-kmand ta' Ċensu Borg Braret, kellu jkun hemm 454 raġel minn Birkirkara u 84 raġel mill-Mosta. Ir-razzjoni tal-ħobż issa beda jingħata biss lil dawk li jkunu għamlu xogħolhom sew u min kien jinqabad iħalli postu bla permess, anki għal ħin qasir, kien jiġi kkunsidrat bħala għadu tal-pajjiż u jitlef kull benefiċċju marbut mas-servizz li jkun għamel u kull xorta ta' premju li seta' jingħata fl-aħħar tal-gwerra.[25]

Il-battaljun kellu numru ta' kapijiet matul is-sentejn ta' ġlied. Skond dokument tas-17 ta' Novembru 1798, jidher li Dr Ġanni Pullicino, kien kap tal-battaljun tal-Mosta.[26] Aktar tard ħaddieħor okkupa dan il-post.

## Il-falliment tal-konġura tal-Maltin

Episodju ikrah għall-Mosta kellu x'jaqsam mal-konġura li l-Maltin għamlu kontra l-Franċiżi. Il-Maltin kienu ftiehmu li jaħbtu għal għarrieda fuq l-għases Franċiżi tal-Belt, jaqbdu l-armi u l-fortizzi tagħhom, u jieħdu l-Belt minn taħt idejn l-għadu. Il-Maltin li kienu fl-ibliet kienu miftehmin ukoll ma' tal-kampanja, u kulħadd kien jaf x'għandu jagħmel hekk kif jinstema' s-sinjal tal-assalt, li kellu jsir fis-sebgħa ta' filgħodu tat-12 ta' Jannar 1799.

Pulis, purfumier fl-uffiċċju tas-sanità, kellu jaqbad Bieb Marsamxett, fejn kellu jkun hemm lesti ħafna mill-battaljun ta' Birkirkara u tal-Mosta. Dawn malli dalam, lejliet il-jum tal-assalt, telqu fuq id-dgħajjes



mill-Imsida, u qajla qajla niżlu u staħbew fl-imħażen ta' ma' ġenb Xatt il-Parlatorju f'Marsamxett. Dawn l-irġiel kienu ntagħżlu speċifikament għal din il-missjoni minn Ċensu Borg 'Braret' stess u kienu ilhom moħbija fl-imħażen mill-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa (10-11 ta' Jannar), u matul il-ġurnata kollha tal-Ġimgħa. Żammew kwieti biex ma jinstemgħux mill-għassiesa Franċiżi li kienu ppustjati mal-Bieb ta' Marsamxett ftit metri bogħod minnhom.[27]

Ħabat li dik il-lejla tal-Ġimgħa, Vaubois ried li ssir opra fit-teatru, għax kienet waslitilhom aħbar tajba lill-Franċiżi. Marru għas-serata l-uffiċjali kollha Franċiżi, u fosthom kien hemm il-kmandant tal-Forti Manwel, iċ-Ċittadin Boudard, u miegħu uffiċjal ieħor, iċ-Ċittadin Roussel.

Wara li spiċċat is-serata tat-teatru, Boudard u Roussel niżlu Marsamxett biex imorru għal Forti Manoel. Meta tbegħdu ftit mix-xatt, dehrilhom li semgħu xi tlablib fuq il-blat tal-qrib. Dan ħassibhom ħażin u hekk kif waslu fil-forti, Boudard bagħat lil Roussel b'xi suldati fuq frejgatina biex jinvestigaw.

Il-Maltin ma kinux qed jistennew din il-viżta u hekk kif raw lill-Franċiżi fuqhom f'dawk id-dlamijiet inħasdu. Ħasbu li kienet ġiet xi forza kbira, beżgħu, tħawdu, u beda kulħadd jiġri biex isalva rasu. Min inxteħet il-baħar biex jaħrab bl-għawm, u oħrajn inħbew 'l hawn u 'l hinn; u filgħodu nqabdu 34 minnhom.

Sadattant il-Franċiżi mexxew l-aħbar tat-tradiment, u sa filgħodu saru ħafna arresti. Hekk kellha tisfratta għal kollox il-konġura tal-Maltin! Imma sa hawn kien għadu ma spiċċax kollox, għax, permezz ta' xi spiji, Vaubois, il-kap kmandant militari ta' Malta, irnexxielu jaqbad il-kapijiet u dawk kollha li kienu qed imexxu lill-Maltin tal-Belt. Fil-Pjazza tal-Belt ġew iffuċilati 45 wieħed, fosthom il-kap Ġuliermu Lorenzi u l-patrijott Dun Mikiel Xerri.

F'dan l-episodju fl-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi l-Mostin kellhom sehem qawwi, għax mil-listi tal-mejtin, il-Mosta kellha numru sostanzjali ta' rġiel li ħallew ħajjithom għal pajjiżhom. Barra minn dawk il-ħafna li ħadu sehem, niltaqgħu ma' sittax il-suldat Mosti li mietu fl-assalt ta' Marsamxett. Il-Mostin kienu dawn: Ġużepp Galea, Franġisk Xerri, Xmun Fenech, Ġużepp Sciberras, Ġużepp Camilleri, Indri Galea, Salvu Aquilina, Franġisk Pisani, Pawlu Galea, Ġanni Said, Franġisk Chetcuti, Franġisk Fenech, Ġanni Galea, Dumink Galea, Indri Bezzina u Franġisk Borg.[28]

Nafu għallinqas b'suldat wieħed Mosti li salva. Dan kien Ġużepp Bonavita li skond petizzjoni li għamel lill-Kaptan Ball fit-8 ta' Ġunju 1800 jgħid li hu kien ingaġġa fil-battaljun tal-Mosta mill-ewwel ġurnata li fiha l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi. Hu kompla li, meta ġew għal din l-operazzjoni tal-attakk fuq il-Belt, kien ħareġ avviż biex jgħarraf lil dawk li kienu se jivvolontarjaw li dawn kellhom jingħataw 100 skud u razzjon ta' ħobż b'xejn kuljum. Għal dawk li jmutu dan kollu jitgawda minn xi qarib tagħhom. Bonavita rrakkonta dwar il-konfużjoni li nqalgħet meta l-Franċiżi marru fuq l-istakkament Malti u kif kien hemm min għereq meta pprova jgħum biex jaħrab. Il-parti l-kbira ġew iffuċillati. Bonavita nqabad imma flok qatluh tefgħuh f'qiegħ ta' ħabs u ħallewh hemm għal 16-il xahar. Kien wara li nħeles li mar jitlob il-kumpens imwiegħed lilu imma l-inkarigat tal-Mosta ma riedx jagħtihulu. Issa talab lil Ball, u dan mill-ewwel ħariġlu pensjoni ta' 30 tari fix-xahar għal għomru. Bonavita dam igawdi din il-pensjoni sa mewtu fl-1835.[29]

## It-taqbida toqrob lejn tmiemha

Għaddiet din id-disgrazzja, u l-Mostin mal-Karkariżi baqgħu jgħassu tajjeb il-linja difensiva twila li kellhom taħt idejhom. Fil-15 ta' April 1799, kellha 530 suldat (Karkariżi u Mostin)[30] u fit-28 ta' Diċembru tal-istess sena nsibu li kienet magħmula minn 25 surġent, 23 kapural u 290 suldat u kellha 8 kanuni (ta' 15-il libbra kull wieħed).[31] Dan it-tibdil kien isir skond il-bżonn li jkun hemm, u t-taqsimiet ġodda li kellhom isiru meta waslet l-għajnuna.

Mil-lista tal-battaljuni li kien hemm fl-4 ta' Settembru 1800 jidher li l-Mosta kellha 125 raġel ingaġġati fil-battaljun tagħha. Dawn kienu jikkonsistu minn 2 kapijiet tal-battaljun (li kienu Ġużepp Galea u Mikiel Bertis), 13-il surġent, 10 kapurali, 2 tamburieri, u 98 suldat. Dan kien għadd sabiħ ħafna għall-Mosta għax kellha nies fil-battaljun tagħha ftit inqas minn xi rħula wisq ikbar minnha. In-nefqa biex jinżamm il-battaljun tal-Mosta kienet tilħaq 'l fuq minn 53 skud kuljum.[32]

Il-postazzjoni militari li qdew dmirhom fiha l-Mostin u l-Karkariżi kienet waħda minn dawk li kellha ħafna x'tagħmel kontra l-Forti Manwel u l-Forti Tignè,



u ta' spiss kienu jsiru skambji ta' bumbardamenti qawwija bejn il-Maltin u l-Franċiżi ta' dawn iż-żewġ fortizzi.[33]

Hawn is-suldati Maltin kellhom ibagħtu ġuħ u nuqqasijiet oħra, u kellhom ħafna feruti u forsi xi mejtin ukoll.[34] U jekk il-Franċiżi ma kellhom qatt il-ħila jkissru din il-linja fortifikata meta l-Maltin aktar 'l quddiem kellhom l-għajnuna tal-Ingliżi u l-fanterija Naplitana,[35] dan nistgħu ngħiduh ukoll meta kienu għadhom jitqabdu weħidhom fil-bidu tal-imblokk, meta l-għedewwa kienu għadhom aktar fuq tagħhom u lesti li jippruvaw jirritaljaw.

Il-Franċiżi raw li kien kollu għalxejn li jkomplu jippruvaw iżommu iżjed, u fl-aħħar it-tbatija tal-imblokk bdiet tagħfashom sew. Għalhekk fit-3 ta' Settembru 1800, sentejn wara li kien ilhom imblokkati, il-Ġeneral Vaubois kiteb lill-kmandant tat-truppi Ingliżi, il-Maġġur Ġeneral Pigot fejn qallu li huwa kien lest biex iċedi. Sar ftehim bejn il-kapijiet Ingliżi u Franċiżi (lill-Maltin, Pigot, għoġbu jħallihom barra!) li ġie ffirmat fil-5 tal-istess xahar, meta l-Franċiżi bdew iċedu lill-Ingliżi l-fortizzi kollha li kellhom taħt idejhom.

Ma nafux kemm tilfet il-Mosta mis-6,000,000 skud (£500,000) u l-mewt ta' 20,000 Malti (l-ebda Ingliż ma miet) li swiet din il-gwerra lill-Maltin.[36] L-anqas ma nistgħu ngħidu kemm kienu l-korruti.

Jidher, madankollu, li prattikament kull Mosti ħa sehem f'din il-gwerra. Il-gvern Ingliż qassam xi flus bħala rigal żgħir lil dawk li servew f'din it-taqbida. Dawk tal-Mosta tahomlhom il-Logutenent Ġammari Chetcuti. Dan, fl-1 ta' Jannar 1804, qassam 2,185 skud, li tqassmu bejn 13-il surġent, li ħadu 30 skud kull wieħed; 11-il kapural, li ħadu 20 skud kull wieħed; u 105 suldati, li ħadu 15-il skud kull wieħed. Dawn iġibu 2,185 skud bejn 129 raġel.

Ġimgħa wara, fit-8 ta' Jannar, l-istess Logutenent reġa' qassam 3,900 skud lil dawk li kienu fil-battajun tal-Mosta, imma li ma kinux baqgħu sal-aħħar meta l-Franċiżi telqu l-Belt.[37] Din is-somma tqassmet bejn 16-il familja tas-suldati mejtin li tawhom 15-il skud kull waħda, u 488 suldat li tawhom 7 skudi u nofs kull wieħed. B'kollox kien hemm 504 persuni li bejnithom ħadu 3,900 skud.

Dan juri li fis-sentejn li dam l-imblokk tal-Franċiżi kien hemm 633 raġel mill-Mosta li serva ta' suldat għal art twelidu. Jekk jinqatgħu barra x-xjuħ, in-nisa, it-tfal u l-morda, minn madwar 3,000 ruħ li dak iż-żmien kienu jgħixu fir-raħal, jidher li ma kienx fadal wisq irġiel u żgħażagħ li, f'xi ħin jew ieħor, ma servewx fil-battajun tar-raħal tagħhom.

Il-gvern ta wkoll midalja tad-deheb bil-kitba '*Malta Liberata*' lill-Kappillan Dun Feliċ Calleja bħala rappreżentant tan-nies tal-Mosta fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi.[38] Dun Feliċ ingħata wkoll pensjoni.[39]

***Referenzi***


1 Għal rakkont dwar dan iż-żmien tista' tara, E.B. Vella et al., *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (Malta, 1972); u għal wieħed aktar dettaljat ara G. Cassar u J.G.M. Borg, *Il-Mosta, l-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet* (Malta, 2007).

2 Għad-dettalji dwar dawn l-intriċċi u dak li għandu x'jaqsam mal-pjanijiet tal-Franċiżi biex jieħdu lil Malta, ara per eżempju, F. Sammut, *Bonaparti f'Malta* (Malta, 1997); C. Testa, *The French in Malta 1798-1800* (Malta, 1997).

3 Barone Azopardi, *Giornale della Presa di Malta e Gozo dalla Repubblica Francese e della susseguente Rivoluzione della Campagna* (Malta, 1836), 10.

4 AOM 6523, vol. I, p.72.

5 W.L. Zammit, 'Il-gvern lokali fil-Mosta (1773-1896)', G. Cassar (ed.), *Ex Annalibus Mustæ* (Malta, 2005), 144.

6 Il-Muniċipalità tal-Punent (Il-Belt Valletta u l-Furjana) u l-Muniċipalità tal-Lvant (Bormla, il-Birgu u l-Isla).

7 Il-muniċipalitajiet kienu: il-Muniċipalità tal-Imdina (l-Imdina, ir-Rabatu u Ħad-Dingli); il-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ; il-Muniċipalità ta' Ħal Qormi jew Casal Fornaro (Ħal Qormi u Ħal Luqa); il-Muniċipalità tan-Naxxar (in-Naxxar, il-Mosta u Ħal Għargħur); il-Muniċipalità ta' Birkirkara (Birkirkara, Ħal Lija, Ħal Balzan u Ħ'Attard); il-Muniċipalità tas-Siġġiewi (is-Siġġiewi, il-Qrendi u l-Imqabba); il-Muniċipalità taż-Żejtun (iż-Żejtun, Ħaż-Żabbar, Ħal Għaxaq u Ħal Tarxien); u l-Muniċipalità taż-Żurrieq (iż-Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Gudja).

8 Il-Muniċipalità tar-Rabat (ir-Rabat, l-Għarb, is-Sannat, u x-Xewkija) u l-Muniċipalità tax-Xagħra (ix-Xagħra, iż-Żebbuġ u n-Nadur).

9 C. Testa, *The French in Malta 1798-1800* (Malta, 1997), 174.

10 H.P. Scicluna, *Actes st documents pour server a l'histoire de l'occupation francaise de Malte pendant les annees 1798-1800* (Malta, 1923), 227, 267.

11 Ara per eżempju, Sammut, 145-6.

12 Għal stampa dettaljata tal-ewwel tliet xhur tal-ħakma Franċiża, ara per eżempju, C. Testa, *Maż-Żewġ naħat tas-swar: Żmien il-Franċiżi f'Malta*, i (Malta, 1979).



13 E.B. Vella et al., 108-9.
14 Testa (1997), 274.
15 Fil-Biblijoteka Nazzjonali jinsab kwadru tal-'*Batteria del Ghugar nel Blocco di Malta 1799*'.
16 A. Mifsud, *Origine della Sovranità Inglese su Malta* (Malta, 1907), 266. 268.
17 Testa (1997), 333.
18 Zammit (2005), 146.
19 M. Galea, *Sir Alexander John Ball and Malta: the beginning of an era (*Malta, 1990), 30.
20 W.L. Zammit, *Il-mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800* (Malta, 1999), 3-5.
21 Barone Azzopardi (1836), 123, 126
22 Zammit (1999), 51-2.
23 Zammit (2005), 147.
24 Barone Azopardi (1836), 136.
25 Testa (1997), 587-8.
26 Mifsud, 281.
27 Testa (1997), 487.
28 Atti tan-Nutar Salv. Zarb tat-8.i.1804. Għal xi tagħrif fuq dawn il-Mostin ara, J. Borg, 'Ġrajja ta' mitejn sena ilu', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, *Festa Santa Marija Mosta – 1999* (Malta, 1999), 49-51.
29 Testa (1997), 504.
30 Barone Azopardi, *Raccolta di Varie Cose Antiche e Moderne*, *Utili ed Interessanti riguardanti Malta e Gozo* (Malta, 1843), 198.
31 Lib. MS. 579.
32 Mifsud, 278, 280, 311.
33 Bosredon Ransijat, *Assedio e Blocco di Malta* (Malta, 1843), 7, 26, 35, 105, 201, 203, 207, 209, 217.
34 Ibid., 157.
35 W. Hardman, *A History of Malta during the period of the French and British Occupations 1798-1815* (Londra, 1909), 296-7.
36 Barone Azopardi(1843), 242.
37 Atti tan-Nutar Salv. Zarb, tal-1 u t-8.i.1804.
38 Ara t-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Dr. F. Chetcuti tal-20.i.1833.
39 Zammit (1999), 52.


C&X Ironmongery

32, Biċċerin Street, Mosta, Malta.
Tel: 21432666

Open from 6.00a.m. till 6.30p.m.
Saturday from 6.00a.m. till 12.30p.m.